MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 432/2008

**GO plc (C 22334)**

**Vs**

**Saviour u Manolita**
**konjugi Grima**
**(ID 293275 M u 416671 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Gunju, 2008, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disa` mija u tmienja u sebghin euro u sitta u hamsin centezmu (Euro 978.56c), rapprezentanti ammont dovut fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21658330 (CN 1060247 AC 10170194), kif ghandu jirrizulta minn Prospett anness u mmarkat Dok. IZY 1 u minn ftehim ta` servizz anness u mmarkat Dok. IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikati legalment il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tal-11 ta` Lulju, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti ma` l-avviz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €978.56c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------